MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2003

Numru. 811/2003

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
ANTHONY AGIUS

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Agius ta' 30 sena bin Anthony u Victoria nee Debono imwieled il-Pieta fl-20 ta' Mejju 1972 u li joqghod Block 14, Flat 14, Trejqet il-Ward, Santa Lucia detentur tal-karta tal-identita numru 253672M talli fl-4 t'April 2003 ghall-habta tas-1.30 ta' wara nofsinhar minn Detox Centre sitwat fl-isptar San Luqa, Pieta ikkommetta serq ta' portmoni kontenenti flus kontanti, dokumenti, u oggetti ohra ghad-dannu ta' Gary Anthony Wingfield minn San Pawl il-Bahar.

Talli fl-1 ta' Novembru 2002 u fix-xhur ta' wara din id-data f'dawn il-gzejjer, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat,

sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjien minn serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin.

Talli b'hekk sar ricediv ai termini tal-artikolu 49 u 50 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-5 ta' Novembru 2003 fejn l-imputat ammetta ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u wara li rat Art 261 u 334 tal-kap 9 u Art 7 tal-kap 446 u tqieghed lill-imputat taht ordni ta' probation taht is-supervizzjoni ta' probation officer ghal perjodu ta' sentejn.

Ghal dan il-ghan il-Qorti tinnomina lid-Direttur tal-Probation Services sabiex jinnomina Probation officer sabiex tissorvelja lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------